Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Lulju 2023**
**(OR. en)**

**11604/23**
**ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0211 (COD)**

**EF 230**
**ECOFIN 756**
**UEM 231**
**CONSOM 268**
**CODEC 1322**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 29 ta' Ġunju 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2023) 234 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT<br>Li jakkumpanja d-dokumenti<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali u<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valuta legali tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2023) 234 final.

Mehmuż: SWD(2023) 234 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.6.2023
SWD(2023) 234 final

**DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokumenti***

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali**

**u**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**u**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**
**dwar il-valuta legali tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro**

{COM(2023) 364 final} - {COM(2023) 368 final} - {COM(2023) 369 final} -
{SEC(2023) 257 final} - {SWD(2023) 233 final}

**Ħtieġa li tittieħed azzjoni**

Kulma jmur, id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda qed isawru l-ħajja tan-nies Ewropej u l-ekonomija Ewropea, u din ix-xejra hija riflessa wkoll fil-pagamenti. Il-flus kontanti huma l-unika forma ta' flus tal-bank ċentrali disponibbli għall-pubbliku sa issa, iżda dawn ma jistgħux jintużaw fl-isfera diġitali. Dan ifisser li sehem dejjem akbar ta' pagamenti, nies u negozji ma għadx għandhom il-possibbiltà li jagħżlu flus tal-bank ċentrali. Barra minn hekk, in-nies u n-negozji qed jaqilbu dejjem aktar lejn mezzi ta' pagament diġitali privati, anke f'sitwazzjonijiet fejn jistgħu jintużaw il-flus kontanti. In-nuqqas ta' munita diġitali tal-bank ċentrali għall-bejgħ bl-imnut fiż-żona tal-euro jista' jdgħajjef gradwalment is-sovranità monetarja tal-Eurosistema. In-nuqqas ta' flus tal-bank ċentrali disponibbli b'mod wiesa' u li jistgħu jintużaw fl-era diġitali jista' jnaqqas ukoll il-fiduċja fil-flus privati, li jiddependu fuq il-konvertibbiltà b'parità mal-flus tal-bank ċentrali pubbliċi. Fl-aħħar nett, l-ekonomija diġitali teħtieġ ukoll munita diġitali tal-bank ċentrali mingħajr riskju biex tappoġġa l-industrija 4.0 u web3.

**Soluzzjonijiet possibbli**

L-inizjattivi pubbliċi jew privati, eżistenti jew ippjanati, tal-UE (eż. pagamenti istantanji) huma bbażati fuq l-użu ta' forom privati ta' flus u għalhekk ma jindirizzawx il-kwistjoni sottostanti rigward il-forma u d-disponibbiltà tal-flus tal-bank ċentrali. B'kuntrast ma' dan, il-problema tista' tiġi indirizzata permezz ta' verżjoni diġitali tal-flus tal-bank ċentrali, jiġifieri euro diġitali li għandu jsir disponibbli għall-pagamenti bl-imnut.

Għandha tiġi stabbilita forma ġdida ta' flus tal-bank ċentrali disponibbli għall-pubbliku ġenerali, flimkien mal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, li tiġi rregolata fil-karatteristiki essenzjali tagħha permezz ta' Regolament tal-UE abbażi tal-Artikolu 133 TFUE.

Din l-analiżi tivvaluta l-impatt tal-istabbiliment ta' euro diġitali u tar-regolamentazzjoni tal-karatteristiki ewlenin tiegħu fir-rigward tal-objettiv ġenerali li jiġi żgurat li l-flus tal-bank ċentrali maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ikunu jistgħu jappoġġaw l-ekonomija tal-UE fl-era diġitali, filwaqt li jissalvagwardjaw ir-rwol tal-flus kontanti. Barra minn hekk, hija tqis żewġ objettivi speċifiċi: 1) it-tisħiħ tal-ankra monetarja tal-euro fl-era diġitali billi jiġi żgurat li l-flus tal-bank ċentrali fil-forma diġitali, kemm fiżiċi kif ukoll futuri diġitali, ikunu disponibbli b'mod wiesa' għall-utenti fiż-żona tal-euro u aċċettati minnhom u mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, u 2) it-tisħiħ tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE billi tiżdied il-kompetittività tal-euro fil-konfront ta' muniti oħra, muniti diġitali tal-bank ċentrali ta' pajjiżi terzi u mezzi oħra ta' pagament maħruġa privatament mhux denominati f'euro.

Diversi opzjonijiet huma possibbli biex jiġi implimentat euro diġitali. L-opzjonijiet proposti jeżaminaw kif l-euro diġitali jista' jiġi rregolat biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika filwaqt li jiġu bbilanċjati l-kompromessi ewlenin: (i) jiġi permess użu wiesa' filwaqt li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta mas-soluzzjonijiet ta' pagament privati, (ii) tiġi protetta l-privatezza filwaqt li tiġi żgurata t-traċċabbiltà, (iii) jiġi żgurat użu wiesa' filwaqt li tiġi protetta l-

istabbiltà finanzjarja u l-provvista ta’ kreditu u (iv) jiġi appoġġat l-użu internazzjonali filwaqt li jittaffew ir-riskji għall-pajjiżi mhux tal-euro u għall-Eurosistema.

**Impatti tal-opzjoni ppreferuta**

Abbażi tal-paragun tal-effettività, tal-effiċjenza u tal-koerenza, instab li l-kombinazzjoni ta' opzjonijiet ta' hawn taħt hija dik preferuta:

- L-għoti ta' status ta' valuta legali lill-euro diġitali b'obbligu għall-benefiċjarji kollha li jaċċettawh, għalkemm b'eċċezzjonijiet ġustifikati u proporzjonali (Opzjoni 1c) u arranġamenti ta' distribuzzjoni obbligatorji volontarji jew immirati (Opzjoni 1e/f). Sabiex jiġi evitat is-sovradebitu tan-negozjanti, jenħtieġ li l-limiti massimi obbligatorji jiġu ddeterminati abbażi ta' metodoloġija stabbilita mil-leġiżlatura u żviluppata mill-BĊE. (Opzjoni 1h). Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-forom kollha ta' flus pubbliċi, huwa ssuġġerit ukoll li jiġi rregolat l-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti fi proposta leġiżlattiva parallela.
- Il-provvediment għal livell għoli ta' privatezza għal pagamenti ta' prossimità offline ta' valur baxx bl-ipproċessar ta' *data* personali relatata mal-identità tal-utenti fil-mument tal-ftuħ ta' kontijiet tal-euro diġitali ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament iżda mingħajr l-iżvelar ta' *data* ta' tranżazzjoni lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament, filwaqt li l-pagamenti online jiġu ttrattati bħala mezzi ta' pagament diġitali privati b'konsistenza mar-rekwiżiti attwali ta' AML/CFT (Opzjoni 2c, 2d).
- It-tnaqqis tar-riskju għad-diżintermedjazzjoni finanzjarja u l-istabbiltà finanzjarja billi l-Bank Ċentrali Ewropew jiġi permess jiddefinixxi u jimplimenta għodod biex jillimita l-funzjoni tal-ħażna tal-valur tal-euro diġitali (Opzjoni 3b).
- L-euro diġitali jsir disponibbli l-ewwel għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi residenti jew stabbiliti fiż-żona tal-euro, kif ukoll għall-viżitaturi (Opzjoni 4c), iżda possibbilment jiġi estiż fi stadju aktar tard għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro u pajjiżi terzi, soġġetti għal ftehimiet u/jew arranġamenti mal-Unjoni u/jew il-Bank Ċentrali Ewropew, sabiex jittaffew ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u s-sovranità monetarja kemm tal-Eurosistema kif ukoll tal-pajjiżi barra miż-żona tal-euro. (Opzjoni 4b).

Din il-kombinazzjoni ta' opzjonijiet tirriżulta f'diversi benefiċċji. L-utenti jkollhom aktar għażla u sigurtà fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar il-pagamenti peress li jkunu jistgħu jużaw anki flus tal-bank ċentrali, mhux biss flus tal-bank kummerċjali, għall-pagamenti diġitali. Barra minn hekk, huma jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-fiduċja miżmuma fis-sistema monetarja li hija pprovduta minn ankra monetarja diġitali, li fl-aħħar mill-aħħar tappoġġa wkoll it-twettiq u l-effettività tal-politika monetarja tagħha u b'hekk tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja u ambjent makroekonomiku stabbli. Euro diġitali li jkun faċli biex jintuża jsaħħaħ l-inklużjoni finanzjarja f'soċjetà diġitalizzata. In-negozjanti bl-istess mod ikunu jistgħu jgawdu minn għażla akbar u jibbenefikaw minn aktar kompetizzjoni fis-suq tal-pagamenti pan-Ewropew, speċjalment meta jinnegozjaw ma' fornituri privati tal-pagamenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament (PSPs, payment service providers) ikunu jistgħu jiddistribwixxu l-euro diġitali lill-klijenti tagħhom, jiġġeneraw tariffi u joffru servizzi innovattivi addizzjonali mibnija fuq l-euro diġitali. Barra minn hekk, l-euro diġitali jista' jappoġġa l-awtonomija strateġika miftuħa billi joħloq skema ġdida ta' pagament li tkun aktar reżiljenti kontra tfixkil estern potenzjali. L-euro diġitali jista' jappoġġa wkoll lin-negozji Ewropej għal każijiet ta' użu futuri fl-industrija 4.0 u fil-web 3 billi jagħtihom alternattiva pubblika għal pagamenti kondizzjonali. Fir-rigward tar-rwol internazzjonali tal-euro, filwaqt

li l-euro diġitali fl-ewwel pass jiffoka fuq iż-żona tal-euro, fi stadju aktar tard l-użu barra miż-żona tal-euro jista' jiġi previst, dment li r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u s-sovranità monetarja jkunu mrażżna biżżejjed. Dan imbagħad jista' jippromwovi l-kummerċ u jnaqqas ir-riskji tar-rata tal-kambju.

Il-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva jaqgħu fuq l-Eurosistema, in-negozjanti u l-PSPs. L-Eurosistema jkollha tinvesti fl-istabbiliment tal-infrastruttura tal-euro diġitali (kemm online kif ukoll offline), inkluż in-network u l-infrastruttura tas-saldu. Il-kostijiet ta' darba tal-PSPs ikunu jinkludu l-adattament ta' sistemi front-end (apps, servizzi bankarji online, ATMs), sistemi back-end (inklużi kemm in-naħa tal-pagatur kif ukoll dik tal-benefiċjarju (akkwirent) u integrazzjoni mas-sistemi ta' ġestjoni tas-saldu u tal-kontijiet), u l-adattament tal-AML/KYC, il-ġlieda kontra l-frodi, il-kontabbiltà u proċessi kummerċjali oħra. In-negozjanti jkollhom iħallsu l-kostijiet biex jagħmlu t-terminals tagħhom kapaċi jaċċettaw pagamenti diġitali bl-euro wkoll. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, l-opzjoni ppreferuta tipprevedi eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għal xi kategoriji ta' benefiċjarji bil-fehim li n-negozjanti u l-NGOs li jaċċettaw mezzi elettroniċi privati ta' pagament ikollhom jaċċettaw ukoll pagamenti diġitali bl-euro. Jista' jkun hemm ukoll xi kostijiet tat-tagħlim għall-konsumaturi, b'mod simili għall-kostijiet tat-tagħlim assoċjati mal-ibbankjar online jew apps ġodda.

L-inizjattiva twassal ukoll għal xi kostijiet operatorji (rikorrenti). L-Eurosistema hija mistennija ġġarrab kostijiet relatati, pereżempju, mat-tmexxija tal-iskema tal-euro diġitali, il-kummerċjalizzazzjoni tal-inizjattiva, l-edukazzjoni tal-konsumaturi u n-negozjanti, l-għoti ta' appoġġ lill-klijenti u t-tħaddim tal-infrastruttura tal-IT. Il-PSPs ikollhom iġarrbu l-kostijiet tal-operazzjonijiet bħall-appoġġ relatat għall-klijenti, l-AML/CFT u l-kontrolli tal-frodi, u l-ġestjoni tat-tranżazzjonijiet. L-introjtu mill-imposti u mill-imgħax tal-PSPs jista' jiġi affettwat ukoll. In-negozjanti jkollhom iħallsu t-tariffi tat-tranżazzjoni u t-tariffi annwali tal-manutenzjoni u tal-liċenzji tat-terminals POS tagħhom. Madankollu, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li dawn il-kostijiet mhux se jkunu ogħla mit-tariffi/il-kostijiet tal-mezzi ta' pagament eżistenti (l-aktar flus kontanti u kards ta' debitu) li l-euro diġitali se jissostitwixxi. In-nies jistgħu jibbenefikaw minn servizzi tal-euro diġitali b'"użu bażiku" b'xejn u jħallsu tariffi ta' tranżazzjoni għal servizzi addizzjonali, li huma mistennija wkoll li jkunu komparabbli mal-kostijiet tal-mezzi ta' pagament eżistenti. Se tingħata attenzjoni partikolari fil-leġiżlazzjoni biex jiġi żgurat li t-tariffi imposti fuq in-negozjanti jkunu proporzjonati.

Il-pagamenti bl-euro diġitali se jiffaċċjaw riskji ċibernetiċi, tal-IT u riskji operazzjonali oħra simili bħas-sistemi ta' pagament eżistenti. Barra minn hekk, l-Eurosistema tista' tiffaċċja żieda fir-riskji ċibernetiċi u operazzjonali bħala emittent ta' euro diġitali. Il-kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà huma indirizzati mil-leġiżlazzjoni eżistenti u futura li l-pagamenti diġitali bl-euro jkunu soġġetti għalihom ukoll. Dan jinkludi rekwiżiti skont il-PSD2, l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA, Digital Operational Resilience Act)[1] li l-PSPs ikunu soġġetti għalih, u l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika. Barra minn hekk, l-

[1] Il-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 [EUR-Lex - 52020PC0595 - MT - EUR-Lex (europa.eu)]

Eurosistema hija mistennija li tkun soġġetta għar-Regolament il-ġdid dwar iċ-Ċibersigurtà propost f'Marzu 2022 mill-Kummissjoni[2].

B'mod ġenerali, il-valutazzjoni tikkonkludi li l-benefiċċji fit-tul ta' euro diġitali mfassal tajjeb b'salvagwardji xierqa jegħlbu l-kostijiet tiegħu. Barra minn hekk, il-kostijiet jekk wieħed ma jieħu ebda azzjoni jistgħu potenzjalment ikunu kbar ħafna.

[2] Il-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. https://commission.europa.eu/publications/proposal-cybersecurity-regulation_mt